**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Trevor Micallef)**
**vs**
**Alan Chetcuti**

**Illum l-1 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Alan Chetcuti iben Anthony u Emilia nee' Savona, imwieled Pieta' nhar it-30 ta' Settembru 1981, residenti San Siro, Flat 4, Triq Gaetano Vitale, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 547281(M);

Billi huwa akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-12 ta' Lulju 2017 fil-ħdax neqsin għoxrin ta' filgħodu (10:40am) ġewwa il-konfini tal-lukanda Corinthia, San Giljan u/jew fil-viċinanzi:

Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fil-ġisem ta' Glen Arthur Horsman;

Akkużat aktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-għajjat u bil-ġlied;

Il-Qorti ġiet mitluba illi f'każ ta' ħtija tipprovdi għal garanzija ta' Glen Arthur Horsman skond l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta';

Rat li l-Uffiċċjal Prosekutur qara u ikkonferma bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat nhar it-18 ta' Ottubru 2018;

Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Alfred Aquilina, Glenn Arthur Horseman, Clayton Aquilina, David Pace, Dr Carina Debattista, Donald Tabone, Alan Chetcuti

Rat id-dokumenti eżebiti, ċertifikat tat-twelid, fedina penali ta' l-imputat, okkorrenza, ċertifikat mediku datat 12 ta' Lulju 2017, CCTV footage Dok GAH1, rapport mediko-legali DOK CD1, rapport u stills Dok DT1, pendrive b'footage immarkat Dok RD1.

Rat li fl-20 ta' Ġunju 2019 l-Avukat Ġenerali dehrlu illi mill-kompilazzjoni odjerna tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub:-

(a) Fl-artikoli 214, 215, 218, 338(dd) u 383 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
(b) Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta;
(c) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti wara li qrat l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, rat li l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja.

## Ikkunsidrat

Illi dan il-każ jaf il-bidu tiegħu fit-12 ta' Lulju 2017 fil-10:40am fil-konfini tal-lukanda Corinthia, Giljan meta l-parte civile Glen Arthur Horseman u kollega tiegħu li jaħdmu mad-ditta Farsons kienu qed iqassmu x-xorb fl-istess lukanda. Jirriżulta li hu u l-kollega tiegħu kienu ipparkjati qed iħottu x-xorb. Vettura ohra bir-reġistrazzjoni numru DGY 316 ġiet minn quddiem u riedu wkoll iħottu x-xogħol minn fuq it-trakk. Allegatament Alan Chetcuti mar fuq Glen Arthur Horseman u qallu biex jiċċaqlaq u bda jgħajru u jidgħi. Minħabba li kien hemm ħafna storbju is-security kellu joħroġ u jara x'inhu jiġri. Alan Chetcuti ta daqqa jew ħareġ siequ l-barra u laqat lill-Glen Arthur Horseman fuq idu x-xellugija. Minn hemmhekk sar rapport u diversi testijiet mediċi biex jiġu stabbiliti l-livell ta' ġrieħi li sofra Glen Arthur Horseman.

## Ikkunsidrat

Illi l-Qorti sabiex tasal għal konklużjoni jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputati jew le taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

<u>L-ewwel imputazzjoni</u>

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dana l-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dana il-kaz tistax tirrizulta htija dwar l-imputazzjoni ta' griehi gravi.

Il-Qorti rat il-filmat ta' l-inċident *de quo* u l-filmat ma jikkorrobora assolutament xejn dak li jgħid l-imputat fix-xhieda tiegħu li huwa ta d-daqqa lill-imputat biex jevita li jaqla daqqa ta' flixkun minn Horseman għax kellu

flixkun f'idejh. Il-filmat juri eżattament l-oppost, juri li Alan Chetcuti effettivament xejjer siequ fid-direzzjoni ta' Horseman, u Horseman jaqbad flixkun wara biex jiddefendi lilu nnifsu. Għalhekk id-difiża tal-legittima difesa mhux qegħda treġi. Il-fatti tal-każ skond kif jindika l-filmat jagħtu piż qawwi dak li qed jghid Glenn Arthur Horsman u mhux dak li jrid jgħidilna l-imputat. L-imputat fl-ebda mument ma kellu għalfejn ixejjer saqajh fid-direzzjoni ta' Horsman, għaliex Horsman, la kellu flixken f'idejh lest biex jattakka lill-imputat kif qed jgħid l-istess imputat u lanqas kellu bżonn biex b'xi mod jiddefendi ruħħu. Lil din il-Qorti l-filmat juri biċ-ċar li l-intenzjoni ta' l-imputat kien li b'sieqs jmiss lil Horseman u jweġġgħu.

Issa stabbilit dan il-fatt, il-Qorti trid tara, ladaraba qed issir kontestazzjoni dwar in-natura tal-grieħi li sofra Glen Arthur Horseman, dwar jekk il-ġrieħi li hu sofra kienux ta' natura gravi jew ta' natura ħafifa.

Illi l-imputat qed jiġi akkużat talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-perikolu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fil-ġisem ta' Glen Arthur Horsman. Illi jirriżulta li dak in-nhar ta' l-inċident l-imputat sofra ġrieħi. Madanakollu fil-ġurnata ta' l-inċident meta Glen Arthur Horseman mar biex jiġi invistat ai fini tar-rapport ġie iċċertifikat minn Dr Alfred Aquilina li qed isofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa. Fix-xhieda tiegħu l-istess tabib a fol 15 tal-proċess jiddikjara li ikklassifika l-ġrieħi ta' natura ħafifa għax ma kienx qed jikkonstata ksur u dan wara li ttieħed ukoll xray ta' idu x-xellugija, li jirriżulta minnha li ma kienx hemm ksur. Iżda l-imputat qed jiġi akkużat li għamel grieħi ta' natura gravi għar-raġuni li Horsman jgħid li hu gie operat minħabba li kellu dislocation u ġie operat minn certu Jason Zammit.

Il-Qorti biex tikkonstata l-grieħi ta' Glenn Arthur Horsman ħatret lil Dr. Carina Debattista bħala espert mediko-legali, u fir-rapport tagħha hija tikkonkludi:

1. Illi Glen Arthur Horsman allega li f'Lulju 2017 kien involut f'inċident mal-imputat meta allegatament subixxa daqqa fuq id-dejh ix-xellugija;
2. Illi riżultat ta' dan l-allegat inċident, Glen Arthur Horsman għadu jbati minn ugiegħ, tnemnin u nuqqas ta' funzjoni f'idejh ix-xellugija.

Fix-xhieda tagħha hija tikkonkludi li fil-fatt Glen Arthur Horsman sofra minn grieħi ta' natura gravi, u dan peress li skond ix-xhieda tagħha a fol 63 tal-proċess, tgħid li *"Issa ksur ma kienx hemm, kellu bżonn operazzjoni, nuqqas*

*ta' funzjoni hemm li naqset anka wara l-operazzjoni, kellu bżonn physiotherapy, dam nieqes ħafna mix-xogħol u ikklassifikajthom dawk bħala ta' natura gravi."*

Hi tkompli żżid li dan huwa minħabba l-fatt li jsofri minn kundizzjoni ta' l-artrite u ma tafx jekk qabel kienx hemm din il-problema ta' nuqqas ta' funzjoni ta' l-id. L-espert mediko legali ma tghidx li n-nuqqas ta' funzjoni ta' l-id hija direttament relatata ma' l-incident li Horsman kellu ma' l-imputat.

Fil-kawża il-*Pulizija vs Joseph Azzopardi* datata 30 ta' Lulju 2004 (Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri) qalet is-segwenti:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl talprovi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Il-Qorti mhux neċessarjament għandha toqgħod fuq dak li jgħidu l-esperti mediko-legali. Fl-ewwel lok mill-proċess kollu ma jirriżultax li l-Horsman kellu xi ksur f'idejh, hu jgħid li kellu *dislocation*. Madanakollu Horsman ma jsemmix dan il-fatt fir-rapport li għamel mal-Pulizija, u lanqas ma jipprovdi l-prova li huwa effettivament għamel din l-operazzjoni jew meta għamilha. Inoltre, Dr Debittasita tgħid li l-gravita' tal-ġrieħi fl-opinjoni tagħha joħorġu mill-fatt li Horsman għadu jħhoss uġiegħ u tnemnim, ħaġa li hija ibbażata fuq opinjoni u ma tistax tigi ikkonstatata fiżikament. Jirriżulta li Horsman kellu artrite qabel id-data ta' l-inċident u l-għadma ta' l-id affetwata probabbiliment kienet diġa affettwata qabel l-inċident, oltre dan ġew ippreżentati filmati ta' Horseman għadu għaddej b'mod regolari b'xogħolu bħala delivery wara l-inċident u jidher li mhux qed isofri minn grieħi.

Illi stabbiliti dawn il-fatti l-Qorti ma tistax issib ħtija fil-konfront ta' l-imputat li ikkawża ġrieħi ta' natura gravi fil-konfront ta' Glen Arthur Horsman, iżda li ikkawża grieħi ta' natura ħafifa.

<u>It-tieni imputazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta</u>

Primarjament il-Qorti tirrileva li l-inċident *de quo* seħħ fit-12 ta' Lulju 2017 u l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat gew ippreżentati fl-14 ta' Mejju 2018. Stante li din l-imputazzjoni hija ta' natura kontravvenzjonali din hija milquta bi preskrizjoni ta' tlett (3) xhur. Stante li l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat ġew maħruġa ferm wara l-perjodu ta' tlett xhur l-Qorti qed tiddikjara din l-imputazzjoni bħala preskritta u għalhekk mhux ser tieħu konjizzjoni iżjed tagħha.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, 218, 221(1), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat ħati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni iżda tar-reat inqas gravi ai termini ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' dak ta' l-offiża ta' natura ħafifa kif kompriż u nvolut fir-reat iktar gravi ai termini ta' l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tiddikjara t-tieni (2) imputazzjoni bħala preskritta u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha, u tikkundanna lill-ħati Alan Chetcuti għal multa ta' tlett mitt Ewro (€300) u timponi ordni ta' trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-ħati Alan Chetcuti fil-konfront ta' Glen Arthur Horsman għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum skond id-digriet anness ma' din is-sentenza.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech-Cardona**
**Deputat Reġistratur**